

**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-005571/2020**  
**lill-Kummissjoni**

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

**Katrin Langensiepen** (Verts/ALE), **Giorgos Georgiou** (GUE/NGL), **Alexis Georgoulis** (GUE/NGL), **Brando Benifei** (S&D), **Chiara Gemma** (NI), **Marianne Vind** (S&D), **Milan Brglez** (S&D), **Ivan Štefanec** (PPE), **Chrysoula Zacharopoulou** (Renew), **Atidzhe Alieva-Veli** (Renew), **Loucas Fourlas** (PPE), **Tilly Metz** (Verts/ALE), **José Gusmão** (GUE/NGL), **Marisa Matias** (GUE/NGL), **Isabel Carvalhais** (S&D), **Dragoş Pîslaru** (Renew), **Alex Agius Saliba** (S&D), **Rosa Estaràs Ferragut** (PPE), **Pascal Durand** (Renew), **Kim Van Sparrentak** (Verts/ALE), **Jarosław Duda** (PPE), **Samira Rafaela** (Renew), **Younous Omarjee** (GUE/NGL), **Eva Kaili** (S&D), **Stelios Kypouropoulos** (PPE), **Maite Pagazaurtundúa** (Renew), **Cindy Franssen** (PPE), **Benoît Lutgen** (PPE), **Estrella Durá Ferrandis** (S&D), **Alicia Homs Ginel** (S&D), **Abir Al-Sahlani** (Renew), **Maria Walsh** (PPE), **Tanja Fajon** (S&D), **Radka Maxová** (Renew)

Suġġett: Task Force għall-Ugwaljanza

Skont l-ittra ta' missjoni tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen lill-Kummissarju għall-Ugwaljanza Helena Dalli "Task Force magħmula minn esperti mis-servizzi tal-Kummissjoni ser tappoġġjak fil-ħidma tiegħek"<sup>1</sup>. Din it-Task Force hija magħmula minn rappreżentanti tas-servizzi kollha tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex tiġi żgurata l-integrazzjoni adegwata tal-ugwaljanza fil-politiki rilevanti kollha proposti mill-Kummissjoni.

FI-20 ta' Novembru 2019, ingibditilna l-attenzjoni dwar messaġġ fuq il-midja soċjali fejn il-Kummissarju Dalli ħabbret l-ewwel laqgħa tat-Task Force għall-Ugwaljanza<sup>2</sup>. Madankollu, ma nafux x'kienu l-eżiti ta' dik l-ewwel laqgħa jew jekk it-task force qatt reġa' ltaqa', peress li ma hemm ebda informazzjoni fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, nixtiequ li jkollna tweġiba għall-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni għandha pjan li tippubblika paġna web bl-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-Task Force għall-Ugwaljanza, inkluż, iżda mhux biss, dwar il-membri tagħha, il-metodi ta' ħidma, il-pjan ta' ħidma u l-minuti tal-laqgħat li saru s'issa? Jekk dan minnu, meta huwa pjanat li ser isir dan?
2. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tistieden lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq l-ugwaljanza biex jipparteċipaw u jikkontribwixxu għall-ħidma ta' din it-task force?

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/comm-cwt2019/files/commissioner\\_mission\\_letters/mission-letter-helena-dalli\\_2019\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/comm-cwt2019/files/commissioner_mission_letters/mission-letter-helena-dalli_2019_en.pdf)

<sup>2</sup> <https://twitter.com/helenadalli/status/1197216616381124609>